# KULLEĠĠ SAN NIKOLA

## L-EŻAMIJIET TA' NOFS IS-SENA – LIVELL PRIMARJU

**Frar 2013**

| IS-SITT SENA | IL-MALTI (IL-QARI) | Il-ĦIN: ĦAMSIN MINUTA |
|---|---|---|

L-Isem u l-Kunjom: ____________________ Il-Klassi: _______

Il-Marki: 30 marka



**L-Ewwel Taqsima** **10 marki**

**Aqra dan l-avviż u aħdem l-eżerċizzji ta' warajh.**

# Radju Festiv
# l-Istazzjon Tiegħek

Minn nhar it-Tnejn 10 ta' Marzu, Radju Festiv ser ikun qed ixandar fuq skeda speċjali għal żmien il-festa ta' San Silvestru.

F'din l-iskeda nsibu ħafna programmi varji kemm ta' mużika, programmi ta' marċi brijużi, programmi reliġjużi kif ukoll għat-tfal. Tistgħu tisimgħu ukoll programmi ta' informazzjoni marbuta mal-patrun u mar-raħal ta' Ħal Vestru fost oħrajn.

Inwasslulkom ukoll l-attivitajiet li jkunu qed isiru fir-raħal tagħna marbuta mal-festa ta' San Silvestru.

Għal aktar informazzjoni żuru s-sit ta' Radju Festiv www.radjufestiv.mlt fejn hemm tistgħu ssibu skeda dettaljata kif ukoll tistgħu ssegwu xandiriet diretti tal-programmi u l-attivitajiet li jkunu qed jiġu mxandra fuq il-frekwenza 98.3 FM *Stereo*.

**A. Imla l-vojt f'din it-tabella billi tieħu l-informazzjoni mitluba mill-avviż. L-ewwel waħda lesta. (3 marki)**

| |
|---|
| **Isem l-istazzjon:** *Radju Festiv* |
| **Frekwenza:** _______________ |
| **Data tal-ftuħ:** _______________ |
| **Raħal minn fejn ixandar:** _______________ |



**B. Imla l-vojt billi ssib il-kelma t-tajba mill-programm. (3 marki) L-ewwel waħda lesta.**

1. Dan l-istazzjon se jxandar fi żmien ***il-festa***.
2. Jixxandru programmi ________________ għal gosti ta' kulħadd.
3. Programm minnhom huwa dwar il-________________ tar-raħal.
4. Is-________________ tal-istazzjon Radju Festiv hu www.radjufestiv.mlt

**Ċ. Immarka t-tweġiba t-tajba billi tagħmel sinjal ✓ fil-kaxxa.**
**L-ewwel waħda lesta.** **(4 marki)**

| | | Veru | Falz | Ma ssemmietx |
|---|---|---|---|---|
| 1. | Ir-radju se jibda jxandar nhar it-Tnejn 10 ta' Marzu. | ✓ | | |
| 2. | Radju Festiv ser ikun qed ixandar fuq skeda speċjali għal żmien il-Karnival. | | | |
| 3. | Mis-sit tal-istazzjon tista' ssegwi l-iskeda kollha. | | | |
| 4. | Dan l-istazzjon se jdum ixandar xahar sħiħ. | | | |
| 5. | Il-programmi huma kollha dwar il-festa tar-raħal. | | | |



**It-Tieni Taqsima** **20 marka**

**Aqra din l-informazzjoni u aħdem l-eżerċizzji ta' wara.**

## <u>Logħob Tradizzjonali Malti</u>

### *L-Ewwel Parti*

In-nies minn dejjem ippruvat issib modi kif tqatta' l-ħin liberu tagħha. Fl-antik, in-nies kellhom bosta passatempi, fosthom l-għana, it-tlielaq taż-żwiemel, il-festi, is-sajd, il-kaċċa, il-ħanut tax-xorb u t-tombla fost oħrajn. Dawn in-nies kellhom dawn il-passatempi għax qabel la kien hawn televiżjoni, la ċinema, la radju, la kompjuter biex jilagħbu u lanqas kien hawn ċertu sports li qed naraw f'dawn iż-żminijiet, bħal tlielaq tal-karozzi. ***(par. 1)***

Madankollu, għalkemm issa għandna dawn il-passatempi moderni, xi wħud minn dawk l-antiki għadhom jinstabu. Xi wħud minnhom baqgħu l-istess u oħrajn, bħal per eżempju, il-mod kif sirna niċċelebraw il-festi, inbidlu xi ftit. ***(par. 2)***

It-tfal fl-antik kellhom il-logħob u taqbiliet oriġinali li wħud minnhom evolvew mill-imgħoddi. F'dawk iż-żminijiet, it-tfal ma kellhomx kompjuters jew ġugarelli sofistikati oħra. Billi ma kienx hawn id-dawl elettriku kollox kien jibda u jispiċċa mad-dawl tax-xemx. It-tfal kienu



jgħaddu ħafna ħin jilagħbu barra. Kienu jilagħbu l-boċċi, noli, iż-żibeġ, il-passju, u x-xixu. Fis-sajf kienu jtajru t-tajra magħrufa wkoll bħala l-ħamiema. Kienu anke jagħmlu dgħajjes bil-pal tal-bajtar. Hija sfortuna li ħafna minn dawn il-logħbiet u taqbiliet qed jintesew. ***(par. 3)***

**A. Immarka t-tweġiba t-tajba billi tagħmel sinjal [√] fil-kaxxa.**
**(3 marki)**

1. Illum il-logħob fuq il-kompjuter ħa post

| | | |
|---|---|---|
| a. | il-logħob tradizzjonali. | |
| b. | ix-xogħol. | |
| ċ. | il-mistrieħ. | |

2. Il-logħob fit-toroq kien jispiċċa

| | | |
|---|---|---|
| a. | filgħodu. | |
| b. | ma' nżul ix-xemx. | |
| ċ. | fis-sebgħa. | |

3. Iż-żibeġ u l-boċċi huma logħob

| | | |
|---|---|---|
| a. | modern. | |
| b. | tradizzjonali. | |
| ċ. | ħafif. | |

1. **Ikteb għal min jew għal xiex qed jirreferu.** (2 marki)

a. tqatta' l-ħin liberu tagħ**ha** *(par.1)*: **ha** tirreferi _______________

b. għad**hom** jinstabu *(par.2)*: **hom** tirreferi _______________

2. Mill-**ewwel paragrafu**, sib kelma li hi **l-maqlub** tal-kelma **modern**.

______________________________ **(marka)**

3. Mit-**tieni paragrafu**, sib kelma fil-**Plural Sħiħ**.

______________________________ **(marka)**

4. Agħti kelma oħra flok il-kelma ***evolvew (par. 3)***

______________________________ **(marka)**

**Kompli aqra l-informazzjoni u aħdem l-eżerċizzji ta' wara.**

***It-Tieni Parti***



Il-passju kienet logħba popolari ħafna fost it-tfal. Qabel kont tara ħafna tfal jilagħbu din il-logħba barra fit-toroq peress li dak iż-żmien ma tantx kien hawn traffiku. Il-logħba tintlagħab billi l-ewwel tpinġi l-kaxxi mal-art bil-ġibs jew b'xi ġebla u tikteb fihom in-numri mill-1 sad-9. Imbagħad tibda billi titfa' l-ġebla fil-kaxxa numru 1. Taqbeż b'sieq waħda fuq kull kaxxa, san-numru 9, tiġbor il-ġebla u terġa' lura mingħajr ma tirfes il-linji tal-kaxxi. Il-logħba tkompli billi titfa' l-ġebla fit-tieni kaxxa u tirrepeti l-proċess. Jekk tirfes il-linji jew tixħet il-ġebla fil-kaxxa l-ħażina, titlef postok u jkompli xi ħaddieħor. Ir-rebbieħ ikun min jilħaq in-numru 9 l-ewwel. ***(par.4)***

F'logħba oħra grupp ta' tfal kienu joqogħdu bil-wieqfa jew bil-qiegħda f'forma ta' ċirku jħarsu 'l ġewwa. Wieħed mit-tfal jibqa' barra miċ-ċirku, iżomm ġebla żgħira f'idu u kollha jkantaw:

"Iż-*żunżana ddur iddur,*

*fuq il-bejt tal-kaċċatur,*

*meta tasal fuq il-bejta,*

*tagħmel Żinn, Żann, Żunn!"*



Sadattant, min ikollu l-ġebla f'idu jqegħedha bil-moħbi wara xi ħadd u jibda jdur maċ-ċirku minn barra. Meta dak li jkollu l-ġebla warajh jinduna biha, irid iqum u jiġri madwar iċ-ċirku jipprova jaqbad lill-ewwel tifel qabel ma dan jeħodlu postu fiċ-ċirku. Jekk ma jirnexxilux, ikun imiss lilu jqiegħed il-ġebla wara xi ħadd filwaqt li l-bqija tat-tfal jirrepetu l-kant. ***(par.5)***

Żgur li hemm ħafna aktar logħob u tradizzjonijiet li tafu bihom intom. Illum il-ġurnata għadek tara xi bniet jilagħbu l-passju jew xi subien jilagħbu l-boċċi. Il-logħba *ħarba* għadha popolari sal-lum mat-tfal Maltin. Illum din il-logħba ngħidulha *Catch*. Tajjeb li dawn it-tradizzjonijiet inkompluhom u ma ninsewhomx għaliex dawn huma wirt li ħallewlna missirijietna u li aħna għandna ngħadduhom lil uliedna. B'hekk dawn it-tradizzjonijiet ma jmutux. ***(par.6)***

*(addattata minn www.bov.com/filbank/documents/YSANewsletterJul07.pdf)*

**B. Wieġeb dawn il-mistoqsijiet <u>fi kliemek</u> u fil-qosor.**

1. Għalfejn fl-imgħoddi kien iktar faċli li tilgħab il-passju fit-triq milli llum? ***(par.4)***

_______________________________________________

_______________________________________________ **(2 marki)**

2. Xi trid tagħmel l-ewwel biex tilgħab il-logħba tal-passju? ***(par.4)***

______________________________________________________

______________________________________________ **(2 marki)**

3. Għaliex hu tajjeb li dawn it-tradizzjonijiet ma jispiċċawx? ***(par.6)***

______________________________________________________

______________________________________________ **(2 marki)**

**Issa, aħdem dan li ġej:**

4. Aqta' linja taħt il-partiċella t-tajba f'din is-sentenza. **(marka)**

Il-logħba tal-passju għadha ***(għall- , għal- , għal)*** qalb ħafna tfal.

5. Minn **paragrafu sitta**, sib in-nom li joħroġ mill-verb ***nilagħbu.***

____________________ **(marka)**



**Ċ. Agħti l-informazzjoni mitluba mis-silta *Logħob Tradizzjonali Malti*:**

1. Ikteb **żewġ passatempi tradizzjonali** u tnejn oħra **moderni** li jissemmew fis-silta. **(2 marki)**

| tradizzjonali | moderni |
|---|---|
| a) | a) |
| b) | b) |

2. Għaliex taħseb li l-logħob tradizzjonali m'għadux daqshekk popolari mat-tfal Maltin? **(2 marki)**

________________________________________________

________________________________________________

________________________________________________



**TMIEM IL-KARTA**